MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Numru. 494/2002

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Nazzareno Buhagiar, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1970, Karta ta' l-Identita numru 442470(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' Ġunju, 2002, f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew għamel użu, xjentement ta' marka, sinjal, tabelli jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka,

sinjal jew emblema; jew xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew zamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' 181 logħba tal-Playstation;

2. talli fl-istess perjodu, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

3. talli fl-istess perjodu, bil-għan li jieħu vantaġġ għalih inniffsu jew għal persuna oħra, jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oġġetti jew fuq l-ippakkettjar tagħhom sinjal identiku għal, jew li x'sktarx jitħawwad ma trademark reġistrata, jew birgħ jew kera, offra jew espona għall-bejgħ jew kiri jew qassam oġġetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar tagħhom kellu fuqhom, sinjal bħal dak;

4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistarti (Malta) tas-26 ta' Jannar, 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. talli opera mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' jannar,2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1) u 298B tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta u l-A.L. 120 ta' l-1992. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------